# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14

Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *video call* fuq *Facebook Messenger* nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2020 fit-3.00pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 14.1 Talba

14.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-3.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 14.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 14.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 13 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

14.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

14.3.3 Il-Kunsillier Horace Micallef xtaq jiċċara punt 13.6.7 u qal li hu kien tenna li għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Ministeru jiċċekja jekk hux fil-kompitu tiegħu jirreġistrax dik l-art bħala art pubblika jew le u mhux il-Kunsill jitlob direttament lill-Ministeru biex jipproċedi sabiex jirreġistra l-art. Il-Kunsillier Horace Micallef qal ukoll li għandu d-dubbji tiegħu kemm it-toroq f'Għawdex huma taħt ir-responsabilta' tal-Ministeru Għal Għawdex.
Is-Sindku wieġeb li la darba l-art hija *out of registration* u l-Ministeru għal Għawdex bena t-triq kif ukoll it-taraġ li jgħaqqad ma' Trejqet Wara L-Idjar, kellu d-dmir li jitlob lill-Awtorita' tal-Artijiet biex tirreġistra din l-art bħala art pubblika. Is-Sindku saħaq li toroq ġodda biex jiġu asfaltati dejjem kienu taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali u f'Għawdex tal-Ministeru Għal Għawdex kif filfatt Triq Ta' Mulejja kienet saret minn dan il-Ministeru.

14.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 14.4 Notifika ta' terminazzjoni mingħand l-iskema GreenPAK għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli

14.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva notifika permezz ta' email nhar l-20 ta' Mejju 2020 li l-iskema ser tittermina s-servizzi ta' ġbir ta' skart riċiklabbli kif ukoll dak tal-ħġieġ mis-26 ta' Mejju 2020. L-iskema GreenPAK qalet li r-raġuni hija minħabba li meta l-ERA imponiet lill-iskema sabiex tiġbor l-iskart riċiklabbli fil-Fontana, l-iskema ingħatat informazzjoni żbaljata mill-istess ERA. L-iskema qalet ukoll li kemm il-Ministeru tal-Ambjent kif ukoll l-ERA kienu infurmati minn qabel b'dawn l-azzjonijiet.

14.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif il-Kunsill irċieva din il-korrispondenza, wara konsultazzjoni mas-Sindku u mal-membri tal-Kunsill, il-Kunsill bagħat email jinforma b'dan lill-Ministru u lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Ambjent it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, lill-Ministru u lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex, lill-Ministru u lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali l-Arti u l-Gvern Lokali, lid-Direttur Ġenerali tad-Departiment għall-Gvern Lokali, lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lis-CEO tal-ERA, lill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lill-President tal-Kunsill Reġjonali Għawdex.

14.4.3 Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Christopher Galea talab għal aktar informazzjoni mill-Kunsill u wara li l-Kunsill ta din l-informazzjoni lid-Direttur, il-Kunsill ġie mfakkar li hu fl-obbligu tiegħu bil-liġi li jiġbor l-iskart fil-lokalita' filwaqt li d-Dipartiment diġa' kien qed jibgħat lill-ERA li hija legalment l-Awtorita' regolatorja dwar il-qasam. Id-Dipartiment saħaq li l-liġi tobbliga lill-Kunsill Lokali sabiex jiġbor dan l-iskart kif ukoll talab lill-Kunsill sabiex iżomm rendikont separat ta' din l-ispiża.

14.4.4 L-ERA infurmat lill-Kunsill Lokali nhar it-22 ta' Mejju 2020 li tali terminazzjoni tas-servizz mill-iskema GreenPAK qed tikser l-obbligazzjonijiet tagħha tal-permess li għandha biex topera kif ukoll obbligazzjonijiet legali. Dan minħabba li din riedet tagħti notifika ta' terminazzjoni minn xahrejn qabel. L-awtorita' fakkret li skont il-liġi, ir-responsabilta' tal-ġbir tal-iskart huwa taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali skont l-Artiklu 33 tal-Kapitlu 363 tal-Liġi ta' Malta.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

14.4.5 Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li wara li sar kuntatt permezz tat-telefon mal-membri kollha tal-Kunsill, kien ġie deċiż sabiex il-Kunsill iqabbad lill-istess kuntrattur biex jiġbor dan l-iskart riċiklabbli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li l-kuntrattur qal li l-iskema GreenPAK kienet tħallsu €125.00 għal kull ġabra iżda wara diskussjoni bejn il-kuntrattur u s-Segretarju Eżekuttiv kien hemm qbil li l-ġabra ta' nhar ta' Tlieta ssir bl-istess rata li l-Kunsill kien qed iħallas għall-ġbir l-ieħor.

14.4.6 Fuq l-istess suġġett, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet ċirkulari bin-numru 2020/055 tinforma lill-ministeri u entitajiet ikkonċernati rigward il-problema tal-ġbir ta' skart riċiklabbli. L-assoċjazzjoni f'din iċ-ċirkulari saħqet li dawn il-problemi li qed jaffaċċjaw il-Kunsilli Lokali ilhom fis-seħħ u ma sar xejn min-naħa tal-awtoritajiet. L-assoċjazzjoni infurmat lill-Kunsilli Lokali li fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2020 ser tkun qed tirrevedi s-sitwazzjoni u jekk kollox se jibqa kif inhu ser tkun qed tieħu l-miżuri xierqa biex tiddefendi l-pożizzjoni tal-Kunsilli Lokali.

14.4.7 Wara diskussjoni bejn il-membri fuq din il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar dan is-suġġett, is-Sindku saħaq li l-Kunsill Lokali tal-Fontana għandu limitazzjonijiet kbar fil-finanzi, tant li għandu l-anqas allokazzjoni f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll li l-allokazzjoni fil-*budget* għall-ġbir tal-iskart diġa' mhix biżżejjed tant li bil-prezzijiet li qed jintefgħu fis-sejħa għall-offerti qed ikun *over-budget* aħseb u ara x'ħin ser jiżdied il-ħlas mill-Kunsill għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli u tal-ħġieġ. Is-Sindku qal li din inġustizzja fuq il-Kunsill Lokali tal-Fontana għax minflok tingħata l-għajnuna finanzjarja lill-Kunsill b'allokazzjoni żgħira, qed nispiċċaw diskriminati minħabba l-fatt li Kunsilli oħra tħallas l-iskema għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli filwaqt li Kunsill żgħir bħal Fontana b'allokazzjoni fqira se jkollu jħallas għal dan is-servizz.

14.4.8 Għaldaqstant, sabiex il-Kunsill jonora l-obbligi tiegħu bil-liġi u biex ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti, ġie deċiż mill-membri li dan l-iskart jinġabar u jitħallas mill-Kunsill sakemm isir magħruf x'passi ser jittieħdu mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2020, u jekk ikun il-bżonn tissejjaħ laqgħa b'urġenza dwar il-każ wara l-komunikazzjoni mill-assoċjazzjoni.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 14.5 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements għas-sena 2019

14.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*audited financial statements* għas-sena 2019 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri.

14.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara l-proċess ta' verifika mill-awdituri, ma kien hemm l-ebda aġġustament propost min-naħa tagħhom.

14.5.3 L-*Audited Financial Statements* għas-sena 2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 14.6 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2020 – Marzu 2020

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Marzu 2020.

14.6.2 Dan ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur : Jannar 2020 – Marzu 2020 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.7 Ir-rapport Annwali Amministrattiv 2019

14.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2019 mhejji minnu.

14.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ma dan ir-rapport iridu jiġu nklużi r-rapport ta' ħidma tal-membri tal-Kunsill skont ir-responsabiltajiet assenjati lilhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva rapport ta' ħidma tal-Kunsillier Horace Micallef. Ir-rapport ta' ħidma tal-membri l-oħra li ser jiġu ppreżentati ser jiġu nklużi mar-rapport annwali amministrattiv 2019 ukoll.

14.7.3 Dan ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 14.8 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.8.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li tħawlu il-pjanti tal-*petunia* u tal-*lantana* fi Triq Ta' Mulejja, fil-*playingfield*, fil-qsari ta' fuq ir-*railing* fi Triq il-Għajn, fi Triq John Gaspard le Merchant, fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, fil-*belvedere* ta' fuq l-Għajn ta' Bendu, fil-*belvedere* ta' Triq Ta' Mulejja u fil-qsari li hemm quddiem il-monumenti.

14.8.2 Is-Sindku informa lill-membri li s-sistema ta' irrigazzjoni tal-*playingfield* saret u l-pjanti qed jissaqqew awtomatikament kuljum permezz ta' *timer*.

14.8.3 Is-Sindku informa lill-membri li wara insistenza mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ingħata s-somma ta' €378.58 għall-korsijiet li l-Kunsill ospita' fis-Sala tal-Komunita' taħt l-iskema *Lifelong Learning* 2018/2019.

14.8.4 Is-Sindku informa lill-membri li ntbagħtet it-talba lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali biex skond ir-regolamenti ta' *direct orders* japprova l-offerta ta' tisbieħ fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali u parti minn Triq Ta' Mulejja bil-porfido. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talbu xi kjarifiki mingħand il-Perit tal-Kunsill u din l-informazzjoni ntbagħtet lura lid-Dipartiment.

14.8.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li ħarġet is-sejħa għax-xogħol ta' bdil tal-*main* u l-*home connections* tad-drenaġġ fi Triq il-Għajn minn Pjazzetta fuq it-Tomba sa Triq il-Kappillan Hili. Din l-offerta tagħlaq fid-9 ta' Ġunju 2020.

14.8.6 Is-Sindku informa lill-membri li saret xi ħsara fl-Għajn il-Kbira fejn xi vettura laqtet iċ-ċint tal-faċċata tal-Għajn il-Kbira bil-konsegwenza li waqgħu xi kantuni. Is-Sindku qal li dan ir-rapport għadda lid-Direttur Ġenerali u lit-taqsima tar-restawr fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jinstalla *CCTV camera* fi Pjazza L-Għejjun possibilment b'żieda mas-sistema li preżentament hemm fil-Kunsill għall-*cameras* tal-*playingfield*. Is-Sindku qal li *meter* tad-dawl diġa hemm fl-inħawi ta' Pjazza L-Għejjun u sors tal-eletriku jkun jista' jittieħed minn hem. Kien hemm qbil mill-membri dwar din il-proposta mressqa.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

14.8.7 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri li minħabba l-pandemija, l-pubblikazzjoni tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill" irid jiġi pospost minħabba li mhux permess li jsir tqassim lir-residenti. Peress li l-Festa Titulari ġiet mħassra wkoll, trid tiġi wkoll posposta Festa Tfal kif ukoll l-ikla tal-anzjani li jgħixu waħedhom. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

14.8.8 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand ARMS Ltd u daħlet fis-seħħ it-tibdil fir-rata tal-kontijiet ta' ARMS Ltd. Issa l-Kunsill ser jikkonsma l-elettriku ġġenerat mill-pannelli solari u l-*units* iż-żejda jinbiegħu lill-Enemalta plc.

14.8.9 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li kienet saret talba lill-Kunsill minn resident fi Triq L-Isptar San Ġiljan biex isiru *double yellow lines* kull naħa tal-garaxx, dawn saru mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

14.8.10 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex issir manutenzjoni tal-kliem li hemm imnaqqax fil-monument dwar il-logħob tan-nar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Ser jitqabbad min ħadem dan ix-xogħol.

14.8.11 Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill jagħti kopja tal-ktieb li kien ippubblika "Il-Fontana u Ġrajjietha" lil ex-Kunsilliera li servew fil-Kunsill Lokali tal-Fontana u li ma joqogħdux fil-lokalita', kif ukoll lis-Sur George Camilleri li kien wieħed minn dawk li ħadmu flimkien mas-Sindku u mas-Sur Paul Galea biex il-Fontana għandha l-Kunsill fil-lokalita'. Huwa ppropona wkoll li jingħata ktieb lis-Segretarju Eżekuttiv uxxenti Ryan Debrincat. Kien hemm qbil mill-membri dwar dawn il-proposti. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-membri ta' dan l-apprezzament.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 14.9 Xogħol ta' servizzi tad-drenaġġ f'parti minn Triq il-Għajn;

14.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li hekk kif deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti biex isir xogħol fuq is-servizzi tad-drenaġġ fi Triq il-Għajn minn Pjazzetta fuq it-Tomba sa Triq il-Kappillan Hili. Dan ix-xogħol ser jinkludi l-bdil tal-*main* tad-drenaġġ kif ukoll il-*home connections* tal-istess servizz. Is-sejħa għall-offerti ser tagħlaq nhar id-9 ta' Ġunju 2020.

14.9.2 Dwar din is-sejħa għall-offerti, kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsillier Horace Micallef u l-iskrivana tal-Kunsill jiftħu l-offerti, filwaqt li l-membri tal-bord tal-evalwazzjoni jkunu magħmula minn William Sultana bħala *chairperson*, is-Segretarju Eżekutiv tal-Kunsill bħala is-segretarju tal-bord, l-Avukat Dr Jonthan Mintoff, il-Perit John Saliba u l-Accountant Daniel Galea.

14.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ġiet iffirmata l-*Letter of Acceptance* (LA) maħruġa mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li permezz ta' din l-ittra l-korporazzjoni qed tordna lill-Kunsill jagħmel ix-xogħol fuq il-*main* tad-drenaġġ f'din il-parti tat-triq għas-somma stmata li tlaħħaq €99,566.84. Din is-somma ser tingħata lill-Kunsill wara li x-xogħol jitkejjel u jiġi ċċertifikat mill-Perit tal-korporazzjoni. Permezz ta' din l-ittra, il-korporazzjoni tobliga wkoll lill-Kunsill sabiex qabel jibda x-xogħol issir laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-korporazzjoni u l-kuntrattur magħżul.

**14.10 Ir-rapport dwar il-belvedere ta' Triq Ta' Mulejja;**

14.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsillier Horace Micallef talab għall-verifika mingħand l-Avukat dwar ir-responsabilta' tat-toroq f'Għawdex, l-Avukat wieġeb li jinsab infurmat li t-toroq f'Għawdex jaqgħu taħt l-awtorita' tal-Ministeru Għal Għawdex.

14.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li, hekk kif maqbul fl-aħħa laqgħa, intbagħtet *email* lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru Għal Għawdex sabiex jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji sabiex Triq Ta' Mulejja inkluż il-*belvedere* kif ukoll t-taraġ li minn Triq Ta' Mulejja jagħti għal Trejqet Wara L-Idjar, jiġu rreġistrati bħala art pubbliċi ġaladarba kien sar ix-xogħol ta' kostruzzjoni tat-triq u tat-taraġ imsemmi mid-Dipartiment tal-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

14.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ġiet avviċinata l-Perit Ivana Farruġia biex thejji rapport tekniku dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-belvedere u tal-pedamenti tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ir-rapport sar u ntbagħat lill-Kunsill ftit siegħat qabel din il-laqgħa. Is-Sindku qal li wara li tah daqqa t'għajn ħafifa, fil-ftit ħin li ntbagħat lill-Kunsill, hemm xi affarijiet li jridu jiġu diskussi mal-istess



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Perit biex ikunu kjarifikati. Is-Sindku ppropona sabiex dan ir-rapport jerġa' jiġi diskuss f'laqgħa oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

## 14.11 Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerit;

14.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2020 għas-sejħa għall-offerti FLC/01/2020 *'Service Tender for the Collection of Mixed Household Waste in an Environmentally Friendly Manner'*. Kien hemm offerta waħda :
Tan-Naħli Waste Collector - €22,360.00.
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħatax minħabba l-fatt li taqbeż il-*budget* allokat.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li din l-offerta terġa' tiġi ppublikata.

## 14.12 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

14.12.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jikseb informazzjoni dwar kif qed jaħdem il-Kunsill fuq tiswijiet u manutenzjoni ta' dwal fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wieġeb din il-korrispondenza.

14.12.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex il-Kunsill jinforma lir-reġjun jekk hux interessat jew mod ieħor biex ikun parti minn sejħa għall-offerti reġjonali għall-*Contracts Manager* kif ukoll għall-*Preventive & Routine Maintenance Contractor* li jkunu t-tnejn responsabbli mid-*decorative lights* u dwal tat-toroq ieħor mixtri mill-Kunsilli Lokali rispettivi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill ma jipparteċipax f'din is-sejħa reġjonali.

14.12.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jikseb informazzjoni dwar kif qed jaħdem il-Kunsill fuq il-knis tat-toroq tal-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wieġeb din il-korrispondenza.

14.12.4 Wara l-proposta mressqa mis-Sindku fl-aħħar laqgħa biex il-Kunsill jibdel il-proposta tiegħu għall-fondi tal-LESA, l-Assoċjazzjoni tal-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Kunsilli Lokali m'aċċettatx din il-proposta minħabba li l-proposta oriġinali ma kinitx xi attivita' li ma setgħetx issir minħabba l-COVID-19. Għaldaqstant il-Kunsill ser jingħata l-fondi għall-proposta oriġinali li kienet ġiet issottomessa mill-Kunsill.

14.12.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-*Data Protection Officer* sabiex skont ir-regoli l-ġodda dwar l-ipproċessar tad-data tal-individwi, huwa neċessarju li jkun hemm fis-seħħ ftehim bil-miktub bejn l-Awtorita' tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali tal-Fontana minħabba li l-Kunsill qed jipproċessa nformazzjoni personali għan-nom ta' din l-entita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi ffirmat dan il-ftehim biex nigarantixxu konformita' sħiħa mar-regoli u l-obbligi li l-Kunsill għandu f'dan ir-rigward.

14.12.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-*Data Protection Officer* sabiex skont ir-regoli l-ġodda dwar l-ipproċessar tad-data, tiġi amendata l-*website* tal-Kunsill u ssir *pop-up* għal kull min iżur dan is-sit. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li talab stima lill-amministratur tal-paġna, hu infurmah li l-emendi huma żgħar u għalhekk ma kienx ser jieħu flus biex jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsill approva li jsiru l-emendi skont ir-regoli tal-GDPR.

14.12.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill fl-ebda istanza mhu awtorizzat li jittermina s-servizz tat-telefonija li hemm abbinat miegħu s-servizz tal-*internet* tal-Kunsill li qed jiġi provdut mill-MITA. Il-Kunsill innota dan.

14.12.8 Wara talba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ġiet iffirmata dikjarazzjoni minnu u mis-Sindku flimkien mal-*accountant* tal-Kunsill sabiex jiġi kkonfermat li l-Kunsill Lokali huwa f'pożizzjoni finanzjarja stabbli u li huwa kommess li jonora l-obbligi li ser jinħarġu mill-iffirmar tal-ftehim mal-Awtorita' tal-Artijiet biex L-Għajn il-Kbira, L-Għajn ta' Bendu, ir-Repplika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini tal-madwar jiġu devoluti lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota dan.

14.12.9 DLG Ċirkulari 5 2020 – Corona Virus (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li minkejja l-pandemija, il-Kunsill Lokali baqa' jopera u joffri s-servizzi tiegħu fl-intier tagħhom, dan minkejja li xi Kunsilli Lokali għażlu li joffru servizz ridott. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li ttieħdu u qed

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

jittieħdu xi miżuri ta' prekawzjoni fosthom il-ħasil tal-idejn b'*hand sanitizers* għall-ħaddiema kif ukoll *perspex screen* fl-entratura tal-uffiċċju biex ir-residenti jinqdew minn warajha u ma jkunx hemm espożizzjoni għall-ħaddiema. Il-membri innutaw dan u approvaw dawn il-miżuri.

14.12.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/045 – Covid 19 – Rilaxx ta' Miżuri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.11 Ċirkulari Nru AKL 2020/046 – Webinar: Adapting to climate change 12th May 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.12 Ċirkulari Nru AKL 2020/047 – Ġbir ta' kopja tar-Reġistru Elettorali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/048 – Best Practices in Participatory Process – Join the next ALDATalk! Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/049 – Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċikliżmu u spazji miftuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara korrispondenza li ntbagħtet lilhom, ġie propost mis-Sindku sabiex Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali kif ukoll parti minn Triq Ta' Mulejja (wara s-sangristija tal-Knisja fejn ser isir ix-xogħol tal-*porfido*) isiru spazzji pedonali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

14.12.15 Ċirkulari Nru AKL 2020/050 – Important notice regarding submission of Health Claims. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.16 Ċirkulari Nru AKL 2020/051 – Safe the date for #EUSEW2020! – EU Sustainable Energy Week. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.17 Ċirkulari Nru AKL 2020/052 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv 31 (emendati) Laqgħa tal-Eżekuttiv 32. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.18 Ċirkulari Nru AKL 2020/053 – Yellow 'Please keep your social distance' stickers. Il-Kunsill innota l-kontenut u wera l-interess li jakkwista dawn l-*istickers*.

14.12.19 Ċirkulari Nru AKL 2020/054 – Free online course for ALDA's members – Register now! Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

14.12.20 Ċirkulari Nru AKL 2020/054 – Promotion of Aġenzija Żgħażagħ Services. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/055 – Ittra mibgħuta lill-Ministeri u Entitajiet ikkonċernati rigward il-problema fuq il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Din iċ-ċirkulari ġiet diskussa aktar kmieni waqt din il-laqgħa f'punt numru 14.4.6.

14.12.22 Ċirkulari Nru AKL 2020/056 – EUCF Webinar 30/05/2020 @ 9am. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/057 – Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà – Webinar – Il-pandemija tal-COVID-19 u kif l-imxija tagħha impattat il-benesseru tan-nies f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.24 Ċirkulari Nru AKL 2020/058 – Applikazzjoni għall-EPOS machines. Il-Kunsill innota l-kontenut iżda mhux interessat li jakwista dan is-servizz minħabba li m'hemmx domanda għalih u l-Kunsill mhux ser jidħol għal dawn l-ispejjeż żejda.

14.12.25 Ċirkulari Nru AKL 2020/059 – Active Ageing and Community Care application. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14.12.26 Ilment 15/2020
Jixtieq li l-Kunsill jibdel id-dawl dekorattiv li hemm mal-faċċata tal-mitħna tiegħu u jsir fuq stil antik biex jikkumplimenta mal-faċċata tal-mitħna. Qed jissuġerixxi wkoll sabiex l-*cables* li hemm mal-faċċata jiġu rranġati għal dehra aħjar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lill-Enemalta biex jitranġaw il-*cables* mal-faċċata, li huma responsabilita' tal-istess Enemalta, filwaqt li meta jiġu nstallati l-fanali l-ġodda li għandu l-Kunsill, isir wieħed antik għal dan il-post.

## 14.13 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

14.13.1 Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li f'ċerti toroq ir-residenti qed joħorġu qsari, siġġijiet u kaxxi biex jirriservaw spazzji ta' parkeġġ quddiem ir-residenzi tagħhom. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa sabiex jintbagħat avviż, wara li tgħaddi l-pandemija, lir-residenti li dawn l-azzjonijiet m'humiex permissibbli. Is-Sindku qal li

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, mhux qed jitqassmu avviżi mill-Kunsill għalhekk ippropona sabiex jiġu nfurmati l-LESA dwar dawn l-irregolaritajiet.

## 14.14 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

14.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara f'laqgħa preċedenti l-Kunsill kien innomina lis-Sur George Refalo biex iservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, dan m'aċċettax li jservi f'din il-kariga minħabba raġunijiet personali filwaqt li rringrazzja lill-membri tal-Kunsill tal-fiduċja li dejjem urew fih.

14.14.2 Wara diskussjoni dwar dan, is-Sindku ppropona lis-Sur Joseph Azzopardi biex iservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv, dan fuq talba tal-istess Azzopardi. Kien hemm qbil mill-membri għal din in-nomina. Il-Kunsill ser jinfurmah dwar din in-nomina.

## 14.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

14.15.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 11/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2020 u d-29 ta' Mejju 2020 li tammonta għal €10,322.26 ġiet approvata u ffirmata.

## 14.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.16.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fit-3.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020.

*IFFIRMATA*
Saviour Borg
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA